C/2024/7420

10.12.2024

Avviż għall-attenzjoni tal-persuni u l-entità soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/788/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/3088 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1183/2005, kif implimentat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/3107 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo

(C/2024/7420)

L-informazzjoni li ġejja qed titressaq għall-attenzjoni tal-persuni u l-entità li jidhru fl-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/788/PESK ([1]), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/3088 ([2]), u fl-Anness Ia tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1183/2005 ([3]), kif implimentat mir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/3107 ([4]), dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda li l-persuni u l-entità li jidhru fl-Annessi msemmija hawn fuq għandhom ikomplu jiġu inklużi fil-lista tal-lista tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni 2010/788/PESK u fir-Regolament (KE) Nru 1183/2005 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo. Ir-raġunijiet għad-dežinjazzjoni ta' dawk il-persuni u l-entità jidhru fl-entrati rilevanti f'dawk l-Annessi.

Qed tingħibed l-attenzjoni tal-persuni u l-entità kkonċernati għall-possibbiltà li ssir applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat(i) Membru/i rilevanti kif indikat fis-siti web fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005, sabiex jiksbu awtorizzazzjoni biex jużaw il-fondi friżati għal ħtiġijiet bażiċi jew ħlasijiet speċifiċi (ara l-Artikolu 3 tar-Regolament).

Il-persuni u l-entità kkonċernati jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill qabel l-**1 ta' Settembru 2025**, flimkien mad-dokumentazzjoni ta' sostenn, biex id-deċiżjoni li jiġu inklużi fil-lista msemmija hawn fuq terġa' tiġi kkunsidrata, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
RELEX.1
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
Email: sanctions@consilium.europa.eu

Ser jittieħed kont ta' kwalunkwe osservazzjoni riċevuta għall-fini tar-rieżami li jmiss tal-Kunsill, skont l-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni 2010/788/PESK.

L-attenzjoni tal-persuni u l-entità kkonċernati qed tingħibed ukoll għall-possibbiltà li jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Kunsill quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 275, u r-raba' u s-sitt paragrafi tal-Artikolu 263 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

([1]) ĠU L 336, 21.12.2010, p. 30.
([2]) ĠU L, 2024/3088, 10.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/3088/oj.
([3]) ĠU L 193, 23.7.2005, p. 1.
([4]) ĠU L, 2024/3107, 10.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/3107/oj.